**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU ĦDAX**

**20 ta' APRIL, 2015**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato u Kevin Sam Farrugia.

**SKUŻATI**
Is-Sinjorina Marilyn Sammut infurmat li ma setgħetx tattendi minħabba l-iskola.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

IĊ-Chairperson Pierre Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**11.1** *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

11.1.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li Transport Malta approvat linji sofor ma residenza waħda biss fi Vjal l-Indipendenza. Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jinforma lill-Transport Malta li qabel ma tagħti linja gwida fuq it-triq kollha, mhux ser jagħmel il-linji approvati, minħabba diżgwiet li jista jkun hemm bejn ir-residenti u l-istess Kumitat Amministrattiv.

11.1.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma li Triq it-Torri kellha x-xogħol wieqaf minħabba problema tad-drenaġġ, imma issa li l-każ ssolva ser titkompla f'din il-ġimgħa.

11.1.3 Ġew approvati l-minuti tal-għaxar seduta ta' din il-leġislatura.

**11.2** *Attivitajiet f'Bubaqra*

11.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-membri li l-Kumitat Amministrattiv ingħata fondi għaż-żewġ attivitajiet li ser itella.
9 ta' Mejju – Tieġ Tradizzjonali Malti
16 ta' Mejju – L-Artiġjanat fiż-Żurrieq
Imma s'issa m'għandniex indikazzjoni ta' kemm fondi ser jingħataw.

Kien hemm qbil li:

- l-attivitajiet u l-ispejjeż jitmexxew fuq il-binarju tal-attivitajiet li saru fi snin preċedenti. Dawn għandhom jinkludu : tindif u ħasil tal-akwata wara l-attivita', mobile toilets, żewġ wardens, permessi ta' pulizija u dawl.

- Jintbagħtu l-posters tal-attivitajiet lid-Dipartiment għall-approvazzjon.

- għas-seduta tal-Kumitat li jmiss jiġu mistiedna ż-żewġ għaqdiet li ser jagħti l-għajnuna tagħhom fiż-żewġ attivitajiet.

- Jsiru żewġ press conferences f'dik il-ġimgħa li tkun ser issir l-attivita'.

**11.3** *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi*

11.3.1 Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa:

- isiru tabelli fi Triq San Martin li jindikaw iċ-Ċimiterju ta' San Leone
- isir isem ta' triq fuq pjanċa u jitwaħħal fuq arblu eżistenti – Triq Saverjo Laferla

Kien hemm qbil li jiġi ordnat ix-xogħol.

11.3.2 Il-membru Joseph D'Amato staqsa liċ-Chairperson fuq id-dekasteri fil-Kumitat ta' Bubaqra.

Ġie ikkonfermat u magħqbul dan li ġej:
Chairperson Pierre Farrugia – Finanzi, infrastruttura u proġetti
Viċi Chairperson Marija Schembri u l-membru Marilyn Sammut –Żgħażaħ u attivitajiet.

Il-membru Joseph D'Amato – Patching u sinjali tat-traffiku
Il-membru Kevin Sam Farrugia – Indafa pubblika

11.3.3 Iċ-Chairperson issuġġerixxa li jsir line abjad f'nofs il-parkeġġ ta' Triq San Martin biex tigwida aħjar lil min jipparkja.

Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol

11.3.4 Il-membru Kevin Sam Farrugia ssuġġerixxa li hemm bżonn manutenzjoni ta' bankina fi Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia.

Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

11.3.5 Il-Vici Chairperson Marija Schembri infurmat li hemm bzonn patching fi Vjal l-Indipendenza vicin Triq Kalan Bugeja.
Kien hemm qbil li ssir l-ordni ghax-xoghol.

*11.4 Appuntament għas-Seduta li jmiss*

11.4.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-6.45pm u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju, 2015 fil-5.30pm

Konfermati, illum ___ ta' Mejju, 2015

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju EŻekuttiv**